



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.5.2014
COM(2014) 259 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-
konsumatur.**

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur.

1.	Introduzzjoni	2
2.	It-traspożizzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri	3
3.	L-eżerċizzju u l-impatt tal-għażliet regolatorji skont l-Artikolu 27(2)	3
4.	L-ispeċifikazzjoni ta' ċerti kunċetti li jinsabu fid-Direttiva	8
5.	Rilevanza tal-limiti kif stabbiliti fl-Artikolu 2(2)(c) u l-limiti u l-persentaġġi użati għall-kalkolu tal-kumpens dovut għal ħlas lura kmieni għas-swieg tal-kreditu għall-konsumatur	11
6.	L-impatt tad-Direttiva fuq is-swieg tal-kreditu għall-konsumatur	11
7.	L-impatt tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tal-konsumatur	15
8.	Konklużjonijiet.....	20

1. INTRODUZZJONI

Aktar minn għoxrin sena wara l-adozzjoni tal-ewwel Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur fl-1987¹, ġiet adottata d-Direttiva 2008/48/KE (id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur – CCD)² u l-Istati Membri kellhom jittrasponuha sal-11 ta' Ġunju 2010. Minn dakinhar, il-Kummissjoni adottat id-Direttiva 2011/90/UE³ biex tiżgura li s-suppożizzjonijiet għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta (l-RPAI) jirriflettu b'mod aktar preċiż il-prodotti mibjugħa fis-suq u ppubblikat ukoll linji gwida dwar l-applikazzjoni tas-CCD fir-rigward tal-ispejjeż u l-RPAI.

Il-mira ewlenija tas-CCD hija li toffri grad għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u b'hekk li tagħti spinta lill-kunfidenza tal-konsumatur, tippermetti l-moviment liberu ta' offerti ta' kreditu b'mod transfruntier u ssewwi d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li joħlqu d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali fir-rigward tal-kreditu għall-konsumatur. Fl-istess waqt għandu jiġi enfasizzat li l-objettiv tad-Direttiva mhuwiex li thegġegħ lill-konsumaturi jieħdu aktar kreditu, iżda pjuttost li tipprovdilhom l-informazzjoni u d-drittijiet kollha meħtieġa sabiex jirriflettu sew qabel jieħdu kreditu.

Madankollu, huwa importanti li jitfakkar li l-ftehim ta' kreditu li ġej huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva:

1. Kull ftehim ta' kreditu li huwa garantit b'ipoteka jew b'garanzija komparabbli oħra li tintuża b'mod komuni fi Stat Membru fuq proprjetà immobbli jew garantit bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli (l-Artikolu 2(2)(a)), u
2. Kull ftehim ta' kreditu bil-għan li jikseb jew iżomm drittijiet tal-proprjetà fuq l-art jew f'binijiet eżistenti jew maħsuba (l-Artikolu 2(2)(b)).

Għandu jiġi nnotat ukoll li kull ftehim ta' kreditu li jinvolvi ammont totali anqas minn EUR 200 jew aktar minn EUR 75 000 mhux fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CCD, għalkemm l-Istati Membri jistgħu b'mod volontarju jestendu l-applikazzjoni tas-CCD għal ftehim ta' kreditu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

L-Artikolu 27(2) tas-CCD jitlob li kull ħames snin, il-Kummissjoni twettaq reviżjoni tal-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva u l-persentaġġi użati għall-kalkolu tal-kumpens pagabbli fil-każ ta' hłas lura kmieni, u anki biex tissorvelja l-mod kif l-għażliet regolatorji tal-Istati Membri jaffettwaw is-suq intern u l-konsumaturi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012, stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u biex tivvaluta b'mod sħiħ l-impatt tagħha f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni adottat dan ir-rapport, abbażi tal-kontroll tat-traspożizzjoni li għadu għaddej u fuq l-evidenza miġbura bi studju dwar is-suq tal-kreditu għall-konsumaturi⁴,

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1986 għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur (ĠU L 42, 12.2.1987).

² Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur (ĠU L 133/66 22.5.2008).

³ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/90/UE tal-14' Novembru 2011 li temenda Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovidi assunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta.

⁴ Studju dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa, li sar minn IPSOS u London Economics.

kif ukoll bi studju dwar l-għażliet regolatorji tal-Istati Membri⁵, li l-aħħar tnejn għamluhom kuntratturi esterni.

2. IT-TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVA FL-ISTATI MEMBRI

2.1. Data ta' skadenza għat-traspożizzjoni

Skont l-Artikolu 27(1), l-Istati Membri kellhom jadottaw u jipubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi mas-CCD qabel il-11 ta' Ġunju 2010, 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Kellhom ukoll japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-istess jum. Għadd kbir ta' Stati Membri naqsu milli jikkomunikaw il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni tagħhom fil-ħin. Għalhekk, mal-iskadenza tat-traspożizzjoni l-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra 16-il Stat Membru. Barra minn hekk, erba' Stati Membri naqsu milli jiżguraw id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni effettiva tagħha f'waqtha, li teħtieġ perjodu tranżitorju li mhux previst mid-Direttiva. Fil-frattemp, peress li l-Istati Membri kollha adottaw u kkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, ingħalqu l-proċeduri ta' ksur minħabba li l-miżuri ta' traspożizzjoni ma ġewx notifikati lill-Kummissjoni.

2.2. Segwitu għat-traspożizzjoni

Għoxrin Stat Membru ttrasponew is-CCD billi adottaw leġislazzjoni ġdida, filwaqt li l-bqija introduċew emendi għal-leġislazzjoni pre-eżistenti. Żewġ Stati Membri ttrasponew is-CCD permezz ta' leġislazzjoni sekondarja, filwaqt li wieħed ttrasponieha permezz ta' ordinanza ta' emerġenza li aktar tard kienet ikkonfermata b'Liġi.

Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, s'issa ma kien identifikat l-ebda nuqqas sistematiku fit-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri. Madankollu, f'għadd ta' Stati Membri, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva jidhru li huma assenti jew li ġew trasposti ħażin jew b'mod inkomplet. Dawn huma s-sejbiet ta' analiżi preliminari mill-Kummissjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni l-ewwel bdew djalogu mal-Istati Membri biex jiksbu aktar taġrif dwar il-mod li bih ttrasponew id-Direttiva, kif ukoll biex jirċievu ċerti kjarifiki/konfermi dwar informazzjoni eżistenti. F'dan l-istudju ċerti Stati Membri diġà rrikonossaw nuqqasijiet fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom u wiegħdu li jemendawhom sabiex iġibuhom konformi mad-Direttiva. Is-servizzi tal-Kummissjoni bdew jinvestigaw lill-Istati Membri l-oħra aktar fid-dettall, u jaf jinfetħu proċeduri ta' ksur.

3. L-EŻERĊIZZJU U L-IMPATT TAL-GĦAŻLIET REGOLATORJI SKONT L-ARTIKOLU 27(2)⁶

Xi dispożizzjonijiet tas-CCD huma fakultattivi, jiġifieri l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk jimplimentawx ir-rekwiżiti tagħhom (minn hawn 'il quddiem "għażliet regolatorji") jew le. Skont l-Artikolu 27(2) tas-CCD, il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-effett li l-għażliet regolatorji, kif imsemmija fl-Artikoli 2(5), 2(6), 4(1), 4(2)(c), 6(2), 10(1), 10(5)(f),

⁵ Studju dwar l-Impatt tal-Għażliet Legali tal-Istati Membri u Aspetti oħra tal-Implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar il-Funzjonament tas-Suq Kreditu għall-Konsumatur fl-Unjoni Ewropea, Rapport Finali – Settembru 2013 imħejji għall-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi minn Risk & Policy Analysts Limited. L-istudju huwa inkluż fir-rapporti speċifiċi għall-pajjiżi u fir-Rapport Finali orizzontali li jkopri analiżi tas-sitwazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea u li huwa bbażat fuq l-informazzjoni u l-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

⁶ Din is-sezzjoni hija bbażata fuq is-sejbiet tal-Istudju dwar l-Impatt tal-Għażliet Legali tal-Istati Membri u Aspetti oħra tal-Implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar il-Funzjonament tas-Suq tal-Kreditu għall-Konsumatur fl-Unjoni Ewropea, imħejji għall-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi minn Risk & Policy Analysts Limited.

14(2) u 16(4), għandhom fuq is-suq intern u fuq il-konsumaturi. L-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni, filwaqt li ffoka fuq il-konsegwenzi possibbli tal-għażliet regolatorji eżerċitati mill-Istati Membri f'termini ta' impatt fuq is-suq intern tal-kreditu u l-protezzjoni tal-konsumaturi, f'kull Stat Membru b'mod separat u madwar l-Unjoni Ewropea, wera l-kumplessità ta' din il-valutazzjoni. Il-fatturi ewlenin li influwenzaw il-valutazzjoni kwalitattiva ta' dawn l-impatti jinkludu ż-żmien relattivament qasir li għadda mit-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-kuntesti nazzjonali regolatorji u tas-suq tal-kreditu ferm diverġenti, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni nazzjonali li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tas-CCD u l-imġiba u/jew l-azzjonijiet reali tal-konsumaturi u tal-fornituri ta' kreditu. Fl-aħħar nett, xi impatti jistgħu jkunu riżultat tal-iżviluppi fis-suq, speċjalment il-kriżi finanzjarja, aktar milli l-implimentazzjoni tas-CCD.⁷

3.1. Eżenzjoni għal organizzazzjonijiet stabbiliti għall-benefiċċju reċiproku tal-membri tagħhom (Art. 2(5))

Sitt Stati Membri (Ċipru, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja, ir-Rumanija u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales, l-Iskozja u l-Irlanda)) użaw l-għażla tal-Artikolu 2(5) biex japplikaw biss ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal ftehimiet ta' kreditu konklużi minn organizzazzjonijiet stabbiliti għall-benefiċċju reċiproku tal-membri tagħhom kif deskritt fl-Artikolu 2(5)(a) sa (e).

Xi partijiet interessati⁸ iqisu li din l-għażla legali kellha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tas-suq intern u tal-konsumaturi peress li ttaffi l-piż amministrattiv fuq daww l-organizzazzjonijiet li joffru alternattiva anqas aggressiva u orħos għal xi tipi oħra ta' fornituri ta' kreditu. Iżidu wkoll l-għażla għall-konsumatur, jgħinu biex jillimitaw il-penetrazzjoni ta' tipi aktar għoljin ta' kreditu fis-suq (eż. self payday) u jtejbu l-inklużjoni finanzjarja. L-aspetti negattivi potenzjali li jirriżultaw mill-użu ta' din l-għażla regolatorja minn xi Stati Membri jinkludu kwistjonijiet marbuta mal-imparzjalità u l-ekwità bejn il-fornituri tal-kreditu⁹, l-armonizzazzjoni massima bħala prinċipju leġislativ, il-faċilità ta' infurzar u ċarezza legali għall-konsumaturi.

3.2. Ftehimiet ta' kreditu fir-rigward ta' pagament differit jew metodi ta' ħlas lura (Art. 2(6))

Tmintax-il Stat Membru (il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) użaw l-għażla prevista fl-Artikolu 2(6) biex japplikaw biss ċerti dispożizzjonijiet tas-CCD għal ftehimiet ta' kreditu li jipprevedu arranġamenti li għandhom jiġu miftiehma mill-kreditur u l-konsumatur fir-rigward ta' pagament differit jew metodi ta' ħlas lura, meta l-konsumatur ikun diġà f'inadempjenza fir-

⁷

Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-metodoloġija adottata għall-istudju ta' hawn fuq, jiġifieri l-valutazzjoni tal-impatti bbażati fuq analiżi tal-letteratura u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati (stħarriġ online u intervisti bit-telefown li kienu jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi, il-fornituri ta' kreditu, ir-rappreżentanti tal-konsumaturi, l-istituti ta' rċerka, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-korpi li jiġbru l-ilment), l-estent tal-informazzjoni li nkisbet mill-konsultazzjoni u s-sejbiet tal-analiżi tal-impatti tal-għażliet regolatorji kif stipulat mis-CCD jiddeterminaw l-estent u n-natura tal-informazzjoni msemmija fir-rapport attwali. Għandu jiġi nnotat li fejn ġew identifikati l-impatti tal-għażliet regolatorji fuq is-suq intern tal-kreditu, dan huwa abbażi li — anki jekk dawn l-impatti, f'ċerti każijiet, ġew identifikat f'suq domestiku — x'aktarx jaffettwaw pajjiżi oħra tal-UE, l-aspetti transfrontieri jew għall-anqas l-interfaċċji bejn is-swieq nazzjonali u s-suq tal-UE kollu kemm hu. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li n-natura tas-sejbiet tal-istudju ma wasslitx b'mod faċli għal analiżi tal-impatti kwantitattivi.

⁸

Din il-fehma kienet imfissra mill-awtoritajiet pubbliċi, l-korpi għall-protezzjoni tal-konsumatur u l-għaqdiet ta' kreditu madwar il-pajjiżi li eżerċitaw din l-għażla regolatorja.

⁹

Fl-Irlanda biex l-għaqdiet ta' kreditu jinġiebu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tas-CCD, skont il-fornituri ta' kreditu, dan wassal għal kundizzjonijiet mhux ekwi meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet simili f'xi pajjiżi oħra fejn ġiet applikata l-eċċezzjoni skont l-Artikolu 2(5) tas-CCD (eż. ir-Renju Unit).

rigward tal-ftehim ta' kreditu inizjali u meta jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(6)(a) u (b).

L-għan ta' din l-għażla regolatorja hija li tinkoraġġixxi lill-fornituri ta' kreditu jfittxu soluzzjoni aktar ta' benefiċċju reċiproku fejn il-konsumatur jista' jiddifferixxi ħlas jew jirringa metodi differenti ta' ħlas lura. Preżumibbilment, dan għandu jkollu impatt pożittiv f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur. Madankollu, hemm it-tendenza li l-partijiet interessati ma jkunux konxji tal-applikazzjoni Prattika ta' din l-għażla regolatorja jew ta' kwalunkwe impatt li jista' jkun direttament attribwit lilha (li jista' jiġi spjegat mill-fatt li, għal xi Stati Membri, it-traspożizzjoni nazzjonali tal-għażla regolatorja tirrifletti l-prattika kummerċjali standard li kienet teżisti qabel is-CCD). Madwar 15% ta' dawk li wiegħbu l-istħarriġ online indikaw li l-eżerċizzju tal-għażla regolatorja skont l-Artikolu 2(6) kien wassal għal impatt pożittiv mil-lat ta' protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li 5% ta' dawk li wiegħbu indikaw li kien hemm impatt negattiv; madankollu, dawn l-opinjoni jiet ma kinux sostanzjali¹⁰.

3.3. Regoli nazzjonali li jeħtieġu li l-RPAI tintwera fir-reklamar li ma jindikax rata tal-imgħax jew ċifri relatati ma' xi spiża ta' kreditu lill-konsumatur (Art. 4(1))

Erba' Stati Membri (Ċipru, l-Ungerija, l-Isvezja u r-Renju Unit (il-ġurisdizzjonijiet kollha)) użaw l-eċċezzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(1), jiġifieri li jeħtieġu l-indikazzjoni tal-RPAI fir-reklamar li jikkonċerna ftehimiet ta' kreditu li ma jindikawx rata tal-imgħax jew ċifri relatati ma' xi spiża ta' kreditu lill-konsumatur iżda mhux l-informazzjoni standard' elenkata fl-Artikolu 4(2)

B'mod ġenerali, il-partijiet interessati li ġew ikkonsultati fl-Istati Membri kkonċernati ma setgħux jidentifikaw impatti speċifiċi relatati mat-traspożizzjoni ta' din l-għażla regolatorja. Il-benefiċċju ewlieni pperċepit kien li tagħmel ir-reklami qosra u ċari¹¹, u fl-istess ħin tagħti lill-konsumaturi l-informazzjoni dwar l-RPAI li tippermettilhom iqabblu offerti differenti. Madankollu, ġie espress tħassib li mhux il-konsumaturi kollha jirrealizzaw li l-RPAI indikata fir-reklamar tista' tirreferi, skont il-liġi nazzjonali u jekk applikabbli, għal 'eżempju rappreżentattiv' biss u li r-rata reklamata tista' ma tkunx ir-rata li fil-fatt se jrin jirċievu.

3.4. RPAI fir-reklamar, f'informazzjoni pre-kuntrattwali u fi ftehimiet ta' kreditu koperti mill-Artikolu 2(3) (overdraft li jrid jinradd lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur) (Art. 4(2)(c), Art. 6(2) u Art. 10(5)(f))

Tmien Stati Membri (il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, Spanja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales, l-Iskozja u l-Irlanda)) użaw l-għażla tal-Artikolu 4(2)(c) li tippermetti lill-Istati Membri li jiddeċiedu li l-RPAI ma teħtieġx tiġi pprovduta fir-reklamar li jikkonċerna ftehim ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' overdraft u fejn il-kreditu jrid jinradd lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur (ftehim ta' kreditu skont l-Art. 2(3)). Għaxar Stati Membri (il-Kroazja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales, l-Iskozja u l-Irlanda)) użaw l-għażla skont l-Artikolu 6(2) li tippermetti lill-Istati Membri li jiddeċiedu li l-RPAI ma teħtieġx tiġi pprovduta f'informazzjoni pre-kuntrattwali dwar

¹⁰ Xi partijiet interessati kellhom diffikultà biex jifirdu jew jagħmlu distinzjoni bejn l-impatti tal-għażla regolatorja u l-impatti tal-fatt li l-Artikolu 2(6) jirreferi għal ftehim ta' kreditu li jipprevedi arranġamenti li għandhom jiġu miftehma mill-kreditur u l-konsumatur fir-rigward ta' pagament differit jew metodi ta' ħlas lura. Xi partijiet interessati fehmu li l-eżistenza ta' dan it-tip ta' kuntratt f'sistema legali nazzjonali hija konsegwenza tal-għażla regolatorja għalkemm l-għażla regolatorja skont l-Artikolu 2(6) fiha nnifisha mhijiex intiża biex dan it-tip ta' kuntratt jiġi introdott fis-sistemi nazzjonali legali.

¹¹ Din il-fehma kienet imfissra mill-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri ta' kreditu.

ftehimiet ta' kreditu skont l-Artikolu 2(3). Hdx-il Stat Membru (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, Spanja, l-Irlanda, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovakkja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales, l-Iskozja u l-Irlanda)) użaw l-għażla skont l-Artikolu 10(5)(f) li tippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-RPAI ma teħtiegħ tiġi pprovduta fi ftehimiet ta' kreditu koperti mill-Artikolu 2(3).

L-opinjoniġiet imfissra dwar il-konsegwenzi ta' dawk l-għażliet regolatorji jidhru li jiddependu b'mod sinifikanti fuq jekk jiġix rikonoxxut li l-informazzjoni dwar l-RPAI hijiex utli (jew le) għall-konsumatur għall-ftehimiet ta' kreditu speċifiċi koperti mill-Artikolu 2(3)¹². Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li l-partijiet interessati jew ma kinux konxji ta' xi impatt bħala riżultat ta' dawk l-għażliet regolatorji jew ħasbu li kien hemm impatt limitat (jekk affattu) fuq is-suq intern tal-kreditu jew fuq il-konsumaturi. Dan huwa minħabba li jidher li l-ftehim ta' kreditu kopert mill-Artikolu 2(3) huwa, prinċipalment, prodott 'niċċa' li jintużaw biss f'xi Stati Membri¹³ minn fornituri ta' kreditu u/jew konsumaturi speċifiċi. Barra minn hekk, huwa fundamentalment diffiċli li wieħed jivvaluta l-impatt tan-nuqqas ta' provvista ta' informazzjoni u li wieħed jiddistingwi l-impatt tan-nuqqas ta' provvista ta' informazzjoni dwar l-RPAI minn fatturi oħra li jinfluwenzaw (is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur, l-għarfien finanzjarju tad-debitur, l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-self, eċċ.).

Dikjarazzjonijiet dwar l-impatt pożittiv¹⁴ ta' dawk l-għażliet regolatorji f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur jassumu li l-informazzjoni dwar l-RPAI għal overdrafts tista' tinftiehem ħażin mill-konsumaturi (pereżempju, minħabba diffikultajiet fil-kalkolu tal-RPAI għall-finijiet ta' reklamar għal dan il-prodott speċifiku). Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni taw lill-Istati Membri l-opportunità li jsibu bilanċ bejn li jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni tal-konsumatur u t-tqegħid tal-piż fuq il-kredituri. Fil-fatt waqt il-proċess ta' konsultazzjoni, il-fornituri tal-kreditu u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija nnotaw li, kieku kienu meħtieġa jikkalkulaw l-RPAI għal ftehimiet ta' kreditu skont l-Artikolu 2(3), kienu jġarrbu spejjeż addizzjonali għal benefiċċju addizzjonali minimu. F'dak ir-rigward l-għażliet regolatorji tqiesu li kellhom impatt pożittiv fuq is-suq intern tal-kreditu. Min-naħa l-oħra, ġie ssuġġerit li, irrispettivament minn kwalunkwe nuqqasijiet possibbli, l-RPAI teħtiegħ tintwera għat-tipi kollha ta' prodott ta' kreditu sabiex tiġi promossa t-trasparenza u l-konsistenza u tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha possibbli lill-konsumatur¹⁵. Dan jippresupponi li l-RPAI hija probabbli li tgħin lill-konsumatur (jekk ikun litterat biżżejjed fil-finanzi) iqabbel offeriti differenti u jagħmel deċiżjoni informata. Minn din il-perspettiva, jista' jiġi argumentat li setgħu seħħew xi impatti negattivi fl-Istati Membri li jeżerċitaw dawk l-għażliet regolatorji. Dan, madankollu, kien ikun limitat ħafna, minħabba l-proporzjon żgħir ta' ftehimiet ta' kreditu skont l-Artikolu 2(3) madwar l-Unjoni.

3.5. Regoli nazzjonali dwar il-validità tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kreditu (Art. 10(1))

It-28 Stat Membru kollha żammew jew introduċew regoli nazzjonali dwar il-validità tal-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu skont l-Artikolu 10(1). Skont din l-għażla regolatorja l-Istati

¹² Ħmistax-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Isvezja u s-Slovenja) jispeċifikaw li l-RPAI għandha tiġi pprovduta fir-reklamar, fl-informazzjoni pre-kuntrattwali u fil-ftehim ta' kreditu attwali għal ftehimiet ta' kreditu koperti mill-Artikolu 2(3).

¹³ Dejn tal-overdraft jidher li huwa komuni fil-Ġermanja, Ċipru, is-Slovenja u l-Pajjiżi l-Baxxi.

¹⁴ Din il-fehma kienet imfissra minn ħafna tipi differenti ta' partijiet interessati, inklużi l-fornituri ta' kreditu, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.

¹⁵ Din il-fehma kienet prinċipalment imfissra mill-organizzazzjonijiet/rappreżentanti tal-konsumatur, iżda wkoll mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija, il-fornituri ta' kreditu u l-awtoritajiet pubbliċi.

Membri kollha ddeċidew li ġeneralment il-firem elettroniċi għandhom ikunu validi għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kreditu. Filwaqt li xi utenti indikaw impatt pożittiv fuq il-benesseri tal-konsumatur (b'mod partikolari hekk kif tiżdied l-attività fuq l-internet u online), fil-Ġermanja l-użu ta' kuntratti bil-miktub jitqies importanti biex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur (li jippermetti li l-konsumaturi jirrealizzaw dwar l-importanza tal-kuntratt u jirriflettu fuqha). Dan hu rilevanti l-aktar fid-dawl tal-esperjenzi ħżiena relatati mal-provvista elettronika tal-kreditu, bħall-kreditu bl-SMS li hu disponibbli sew fil-pajjiżi Nordiċi. Bħalissa, ir-realtà hi l-madwar l-Unjoni, ħafna mill-ftehimiet ta' kreditu għadhom imfassla fuq il-karti.

3.6. Dritt ta' rtirar fil-każ ta' ftehim ta' kreditu marbut (Art. 14(2))

Tliet Stati Membri (Franza, ir-Rumanija u s-Slovenja) invokaw l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni pre-eżistenti sabiex jużaw l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 14(2) dwar ftehimiet ta' kreditu marbuta kif iddefinit fl-Artikolu 3(n), li skont dan fejn ikun hemm leġiżlazzjoni preċedenti qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li diġà tipprevedi li l-fondi ma jistgħux isiru disponibbli għall-konsumatur qabel l-iskadenza ta' perjodu speċifiku, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-perjodu ta' rtirar ta' 14-il jum għal dak il-perjodu speċifiku fuq talba espliċita tal-konsumatur.

Din l-għażla regolatorja tipprovdi lill-konsumaturi bl-opportunità li jirċievu l-oġġetti jew is-servizzi li jkunu xtraw kmieni, u suppost tgħin biex tiġi żgurata konsistenza regolatorja mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti. Barra minn hekk tagħti aktar ċarezza legali lill-fornituri tal-kreditu. Billi jiġi speċifikat li din it-talba trid issir mill-konsumatur, tfittex li jiġi żgurat li l-konsumatur ma jiġix sfurzat inaqas il-perjodu ta' stennija tiegħu/tagħha. Fl-istess ħin, tippermetti lill-konsumaturi li huma ċerti minn dak li jkunu xtraw biex jipproċedu aktar malajr. Madankollu, il-partijiet interessati ma kinux konxji tal-applikazzjoni Prattika ta' din l-għażla regolatorja jew ta' xi impatt li jista' jkun attribwit direttament lilha.

3.7. Dritt ta' ħlas lura kmieni u kumpens tal-kreditur (Art. 16(4))

Sbatax-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u r-Renju Unit (il-ġurisdizzjonijiet kollha)) trasponew l-Artikolu 16(4)(a) dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens għal ħlas lura kmieni bil-kondizzjoni li l-ammont tal-ħlas lura jaqbeż il-limitu definit mil-liġi nazzjonali.

Disa' Stati Membri (il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja u r-Renju Unit (Ġibiltà biss)) trasponew l-Artikolu 16(4)(b) dwar id-dritt tal-kreditur li eċċezzjonalment jitlob kumpens oġhla għal ħlas lura kmieni.

Ħames Stati Membri (Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta u r-Renju Unit (Ġibiltà)) għamlu użu miż-żewġ għażliet.

Hemm tendenza li l-partijiet interessati ma jkunux konxji ta' xi impatt li jista' jkun direttament attribwibbli għall-għażliet regolatorji stabbiliti fl-Artikolu 16(4)(a) u (b). B'mod ġenerali, x'aktarx dawn l-impatti jkunu limitati peress li l-biċċa l-kbira tal-arranġamenti ta' kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa mhumiex ta' valur għoli biżżejjed biex jiskattaw id-dritt tal-fornituri ta' kreditu li jitolbu kumpens skont il-limitu applikat mill-Istati Membri, filwaqt li xi wħud mill-fornituri ta' kreditu jirrinunzjaw għall-opportunità li jitolbu kumpens finanzjarju għal ħlas lura kmieni (minkejja li skont il-liġi għandhom dritt jagħmlu dan), u f'xi Stati Membri l-ħlas lura kmieni huwa relattivament ħaġa li ma tiġrix b'mod komuni.

Madankollu, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri li ddeċidew li jużaw l-għażla regolatorja skont l-Artikolu 16(4)(a), tqies li kellha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u/jew fuq is-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċarezza legali li tagħti kemm lill-fornituri ta' kreditu u lill-konsumaturi. B'mod partikolari, titqies ta' benefiċċju għall-konsumaturi f'pajjiżi fejn il-fornituri ta' kreditu issa jridu jilhqun kundizzjonijiet aktar restrittivi qabel ma jkunu jistgħu jitolbu xi kumpens, u għall-fornituri ta' kreditu fis-sens li ma jitpoġġewx f'pożizzjoni żvantaġġata bħala riżultat ta' ripagament kmieni ta' self mill-konsumaturi.

4. L-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' ĊERTI KUNĊETTI LI JINSABU FID-DIRETTIVA¹⁶

Id-Direttiva fiha xi kliem miftuħ li jippermetti lill-Istati Membri li jaġġustawha għall-kultura legali u s-sitwazzjoni tas-suq tagħhom. Din is-sezzjoni ġiet abbozzata abbażi tal-Istudju dwar l-Impatt tal-Għażliet Legali tal-Istati Membri u Aspetti oħra tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2008/48/KE dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Unjoni Ewropea.

4.1. Il-kunċett ta' "imposti insinifikanti" fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu fejn il-kreditu jrid jitħallas lura fi żmien tliet xhur (Art. 2(2)(f))

L-Artikolu 2(2)(f) jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CCD ftehimiet ta' kreditu li skont it-termini tagħhom il-kreditu jrid jitħallas lura fi żmien tliet xhur u fejn ikunu pagabbli biss imposti insinifikanti. Disa' Stati Membri (il-Belġju, l-Ungerija, Ċipru, il-Finlandja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit) speċifikaw jew iċċaraw dan it-terminu..

B'mod ġenerali, l-ispejgazzjoni ta' dan il-kunċett titqies li kellha impatt pożittiv kemm fuq is-suq intern tal-kreditu kif ukoll fuq il-protezzjoni tal-konsumatur. Ġie rrapportat li għenet biex tiproteġi lill-konsumaturi minn kredituri bla skrupli li jippruvaw jevitaw is-CCD; il-partijiet interessati jemmnu li fit-tul din tista' ttejjeb ir-relazzjoni globali bejn il-fornituri ta' kreditu u l-benefiċjarji tagħhom. Għall-fornituri ta' kreditu, l-ispeċifikazzjoni ta' dan il-kunċett tiżgura ċarezza legali, u tippermetti infurzar aktar effettiv u s-sorveljanza tal-attivitajiet tagħhom. F'xi Stati Membri l-partijiet interessati ma setgħu jidentifikaw l-ebda impatt attribwibbli għall-kjarifika tal-kunċett, jew għaliex il-kunċett kien ġie speċifikat f'leġiżlazzjoni qabel is-CCD jew minħabba li l-għadd ta' ftehimiet ta' kreditu li huma koperti huwa relattivament żgħir.

4.2. Il-kunċett ta' "fi żmien debitu" fit-rigward tal-għoti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali (Art. 5(1) u 6(1))

L-Artikoli 5(1) u 6(1) jitolbu li l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu jipprovdi lill-konsumatur b'informazzjoni pre-kuntrattwali fi żmien debitu qabel huwa jew hija jkun/tkun marbut/a minn xi ftehim jew offerta ta' kreditu. Sitt Stati Membri (Franza, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, l-Isvezja u r-Renju Unit) speċifikaw jew iċċaraw it-tifsira ta' "fi żmien debitu". Il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni ta' xi Stati Membri, tirreferi biss għall-għoti ta' informazzjoni "qabel" l-irbit jew qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

B'mod ġenerali, il-kjarifika tal-kunċett hija rrapportata li kellha impatti kemxejn pożittivi fuq il-protezzjoni tal-konsumatur. Eżempju l-konsumaturi Svediżi issa għandhom żmien biżżejjed

¹⁶

Il-kliem 'speċifikaw jew iċċaraw' użat f'din is-sezzjoni tar-Rapport jirrigwarda l-ispeċifikazzjoni mfasla fl-Istati Membri skont il-liġi rilevanti, il-memorandum ta' spjegazzjoni għal-liġi, il-ħidma preparatorja legali, in-noti ta' spjegazzjoni u dokumenti simili li jispjegaw it-tifsira tal-kunċetti użati fis-CCD. Fir-rigward tal-impatti identifikati tal-kjarifika tat-termini/kunċetti, kwalunkwe impatt relatat mas-suq intern fil-fatt jirreferi għas-swieq tal-kreditu domestiku.

biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-informazzjoni u biex jikkunsidrawha (il-ħidma preparatorja ssemmi li konsumaturi differenti jistgħu jeħtieġu ammonti differenti ta' żmien biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kundizzjonijiet fil-ftehim). Min-naħa l-oħra, xi partijiet interessati għandhom dubju dwar sa liema punt il-fornituri ta' kreditu online jistgħu u fil-fatt jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit.

4.3. Il-kunċett ta' "spjegazzjonijiet adegwati" u l-għoti ta' assistenza mill-kredituri jew l-intermedjarji tal-kreditu lill-konsumatur (Art. 5(6))

L-Artikolu 5(6) jitlob li l-kredituri u l-intermedjarji ta' kreditu jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur, sabiex il-konsumatur ikun jista' jivvaluta jekk il-ftehim ta' kreditu propost huwiex adattat għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu/tagħha. L-Istati Membri jistgħu jadattaw il-limitu u l-mod li bih tingħata tali assistenza, kif ukoll minn min tingħata. Tmien Stati Membri (l-Awstrija, l-Ungerija, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit) speċifikaw jew iċċaraw it-tifsira tal-kunċett ta' 'spjegazzjonijiet adegwati'.

Fir-rigward ta' impatti pożittivi, il-partijiet interessati fl-Ungerija indikaw li l-ispeċifikazzjoni ta' dan il-kunċett għamlitha aktar faċli għall-awtoritajiet li jissorveljaw u jikkontrollaw il-konformità regolatorja (jiġifieri hemm infurzar aħjar). Fl-Italja, il-partijiet interessati jħossu li l-informazzjoni pre-kuntrattwali li tingħata lill-konsumaturi hija aktar kompluta u ċara bħala riżultat tal-ispeċifikazzjoni ta' dan il-kunċett. Barra minn hekk, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur jitqiesu li saru aktar trasparenti u l-informazzjoni aktar uniformi u sempliċi. F'termini ta' impatti negattivi, il-fornituri ta' kreditu indikaw żieda fil-piż amministrattiv li jiffaċċjaw il-kredituri u l-ammont kbir ta' informazzjoni li l-konsumaturi jeħtieġu jipproċessaw qabel ma jieħdu deċiżjoni. Għal xi partijiet interessati, hemm il-ħtieġa ta' infurzar aħjar peress li xi spjegazzjonijiet tal-fornituri ta' kreditu għadhom ambigwi.

Abbażi ta' lmenti u sentenzi preliminari¹⁷, il-Kummissjoni hija konxja li hija ħaġa komuni li l-konsumaturi jiffirmaw kuntratti li ma jkunux adattati għall-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk, infurzar xieraq tar-rekwiżiti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali inġenerali u, b'mod partikolari, din id-dispożizzjoni hija importanti ħafna bħala miżura preventiva.

4.4. L-għoti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali għal ċerti ftehimiet ta' kreditu permezz tal-formola ta' Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur (SECCI) ipprovduta fl-Anness III (Art. 6(1))

L-Artikolu 6(1) jitlob li l-kreditur jipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni meħtieġa sabiex iqabbel offeriti differenti biex jieħu deċiżjoni informata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' overdraft u għal ċerti ftehimiet ta' kreditu speċifiċi oħra. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta permezz tal-formola ta' Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur (SECCI) stabbilita fl-Anness III għas-CCD¹⁸. Għaxar Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja) għamlu l-użu tal-formola SECCI obbligatorju għal dawk il-ftehimiet ta' kreditu speċifiċi.

¹⁷ Ara, pereżempju, il-Kawża C-76/10 Pohotovost' s.r.o./Iveta Korčková, b'mod partikolari l-paragrafi 23- 25.

¹⁸ Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz tal-SECCI għal tipi oħra ta' kreditu skont l-Artikolu 5(1).

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jaqblu li, b'mod ġenerali, il-formola SECCI kellha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u kisbet l-għan maħsub tagħha li tippermetti li l-konsumaturi jqabblu prezzijiet u offerti differenti. Għe rrapportat li l-użu obligatorju tal-formola SECCI naqqas ir-riskju ta' inadempjenza jew nuqqas ta' hłas, iffaċilita l-proċess ta' kreditu online u żied it-trasparenza u l-kompetizzjoni fis-suq intern tal-kreditu. Madanakollu, xi wħud jemmnu li l-benefiċċji tal-formola SECCI għew immoderati mill-fatt li ħafna konsumaturi m'għandhomx biżżejjed għarfien finanzjarju biex jifhmu bis-sħiħ l-informazzjoni pprovduta fil-formola. Fil-Belġju u l-Irlanda l-formola SECCI titqies li hija aktar ikkomplikata mill-informazzjoni li qabel kienet qed tingħata lill-konsumaturi u, bħala tali, tqieset ukoll li twassal għal impatt negattiv baxx f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur. Ġeneralment il-fornituri ta' kreditu jindikaw spejjeż amministrattivi u operattivi, f'xi pajjiżi mingħajr benefiċċju korrispondenti. Fi kwalunkwe każ jidher ċar li l-formola SECCI sejra ssir aktar effettiva jekk tkun akkumpanjata minn miżuri li l-għan tagħhom huwa li jtejbu l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi u konformità mal-Artikolu 5(6).

4.5. Il-kunċett ta' "informazzjoni suffiċjenti" fir-rigward tal-obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur (Artikolu 8(1))

L-Artikolu 8(1) jitlob li l-kreditur jivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti, fejn din tkun inkisbet b'mod adegwat mill-konsumatur u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni tad-database rilevanti. Żewġ Stati Membri (il-Belġju u r-Renju Unit) speċifikaw jew iċċaraw it-tifsira ta' 'informazzjoni suffiċjenti'.

Il-kjarifika ta' dan il-kunċett kellha impatt pożittiv, pereżempju l-partijiet interessati fil-Belġju jgħidu li l-obbligu fuq il-fornituri ta' kreditu biex jirreġistraw ċerti prodotti finanzjarji u jippreservaw ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet dwar l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi kien ta' benefiċċju għall-konsumaturi, dan huwa l-każ anki jekk informazzjoni 'kompluta u korretta' kienet diġà meħtieġa u tinkiseb mill-konsumaturi qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva. Madanakollu, hemm tħassib dwar l-infurzar ta' din id-dispożizzjoni (xi partijiet interessati jemmnu li l-kredituri li joffru kuntratti fil-punt tal-bejgħ mhux dejjem jiksbu biżżejjed informazzjoni minħabba kunflitt ta' interess bejn il-bejgħ ta' oġġett/servizz u ż-żamma tal-obbligi legali). B'riżultat ta' dan, l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur mhux dejjem tiġi vvalutata f'biżżejjed dettall.

4.6. Il-kunċett ta' "żieda sinifikanti" fir-rigward tal-obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur (l-Artikolu 8(2))

L-Artikolu 8(2) jitlob li l-kreditur jivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur qabel kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali tal-kreditu. Tliet Stati Membri (il-Bulgarija, is-Slovenja u l-Isvezja) iċċaraw it-tifsira ta' 'żieda sinifikanti' billi adottaw limitu speċifiku f'liema punt jiskatta l-obbligu tal-kreditur li jivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur.

F'termini ta' impatti pożittivi, il-partijiet interessati fis-Slovenja huma tal-fehma li l-ispeċifikazzjoni ta' dan il-kunċett naqqset il-livell ta' riskju għall-partijiet kollha fil-ftehim ta' kreditu u tiżgura li l-konsumaturi kollha jiġu trattati b'mod ugwali. Fil-Bulgarija, il-partijiet interessati nnotaw li, fil-prattika, l-affidabbiltà kreditizja tiġi vvalutata irrispettivament mill-persentaġġ speċifikat fil-leġiżlazzjoni u, bħala tali, din il-kjarifika mhux neċessarjament bidlet l-istatus quo. Fl-Isvezja, ġeneralment il-partijiet interessati ma kinux konxji tal-kjarifika ta' 'żieda sinifikanti' u, bħala tali, ma setgħux jipprovdu informazzjoni dwar l-impatt tagħha.

4.7. It-terminu "infiq sinifikament akbar milli ppjanat" (Artikolu 18(2))

L-Artikolu 18(2) jitlob li, mingħajr dewmien, il-kredituri jipprovdu lill-konsumaturi b'ċerta informazzjoni, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, fil-każ ta' "infiq sinifikament akbar milli ppjanat" li jaqbeż perjodu ta' xahar. Tliet Stati Membri (il-Belġju, ir-Rumanija u r-Renju Unit) speċifikaw x'jikkostitwixxi 'infiq sinifikament akbar milli ppjanat' (il-Belġju u r-Rumanija billi adottaw limiti speċifiċi).

L-ispeċifikazzjoni ta' dan it-terminu titqies li għandha effett pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur fil-Belġju (minħabba ċ-ċarezza legali kemm għall-kreditur u l-konsumatur li tiffaċilita l-konformità regolatorja, u anki minħabba l-ostaklu psikoloġiku stabbilit mill-ammont speċifikat li jista' jilħaq l-infiq akbar milli ppjanat) u fir-Rumanija (minħabba s-semplikità u ċ-ċarezza legali marbuta ma' ċifra kwantitattiva prevista mil-liġi nazzjonali, li hija partikolarment ta' benefiċċju għall-konsumaturi b'livelli aktar baxxi ta' għarfien finanzjarju).

5. RILEVANZA TAL-LIMITI KIF STABILITI FL-ARTIKOLU 2(2)(C) U L-LIMITI U L-PERSENTAĠĠI UŻATI GĦALL-KALKOLU TAL-KUMPENS DOVUT GĦAL ĦLAS LURA KMIENI GĦAS-SWIEQ TAL-KREDITU GĦALL-KONSUMATUR¹⁹

L-Artikolu 2(2)(c) jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal ftehim ta' kreditu li jinvolvi ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn EUR 200 u anqas minn EUR 75 000²⁰. L-istħarriġ tal-partijiet interessati ma jagħtix risposta ċara dwar ir-rilevanza ta' dawk il-limiti.

Filwaqt li r-risposti mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-mutwanti jissuġġerixxu li l-limitu aktar baxx huwa importanti sabiex il-mutwanti jkunu jistgħu jipprovdu self żgħir bi spiża baxxa, il-maġġoranza tal-korpi għall-protezzjoni tal-konsumatur huma favur it-tneħħija tal-limiti. Dawk il-korpi għall-protezzjoni tal-konsumatur li ma jappoġġawx it-tneħħija tal-limiti ġejjin l-aktar mill-Istati Membri li japplikaw is-CCD għal krediti għall-konsumaturi irrispettivament mill-ammont tagħhom. Min-naħa l-oħra l-istħarriġ tal-mutwanti jissuġġerixxi li xi mutwanti jixtiequ jaraw li l-limitu l-aktar baxx jiżdied u l-limitu ta' fuq jitnaqqas. Madanakollu, żewġ mutwanti huma favur li l-limitu ta' fuq jiżdied.

Fir-rigward tal-limiti għal kumpens fuq ħlas lura kmieni, il-ftit partijiet interessati li wiegħbu ma semmew l-ebda impatt fuq is-swieq tal-kreditu rispettivi tagħhom. Fir-rigward tal-persentaġġi ta' kumpens, ma wasslet l-ebda reazzjoni.

6. L-IMPATT TAD-DIRETTIVA FUQ IS-SWIEQ TAL-KREDITU GĦALL-KONSUMATUR²¹

6.1. Id-daqs tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur

Wara l-kriżi finanzjarja, il-familji bdew inaqqsu d-dejn fuq il-kreditu għall-konsumatur tagħhom u l-mutwanti ssikkaw il-kriterji ta' self tagħhom, u d-dejn pendenti fuq il-kreditu għall-konsumatur naqas minn 9.1% tal-PDG fl-2009 għal 8.2% fl-aħħar tal-2011. FL-isfond

¹⁹ Din is-sezzjoni ġiet abbozzata abbażi tal-"Istudju dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa", li sar minn IPSOS u London Economics.

²⁰ Fil-ftehimiet ta' kreditu tal-futur li l-għan tagħhom ikun ir-rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali li tinvolvi ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn EUR 75000 sejrjn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE kif emendata mid-Direttiva dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali (ĠU L 60 28.2.2014).

²¹ Din is-sezzjoni ġiet abbozzata abbażi tal-"Istudju dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa", li sar minn IPSOS u London Economics.

ta' dan kollu²², hemm varjazzjoni kbira fil-firxa ta' kreditu għall-konsumatur fl-UE, bl-ammont medju pendenti fit-tmiem tal-2011 ivarja per capita minn EUR 212 fil-Litwanja għal EUR 4 111 f'Ċipru. Ċipru għandha wkoll l-ogħla proporzjon ta' kreditu għall-konsumatur għall-PDG (19%), u warajha l-Greċja (15%), l-Ungerija (14%), ir-Renju Unit (14%), il-Bulgarija (12%), ir-Rumanija (11%), l-Irlanda (11%) u l-Polonja (10%). L-aktar proporzjon baxx jinsab fil-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Estonja u l-Latvja, li għandhom anqas minn 5%.

Minkejja d-differenzi kbar bejn il-pajjiżi, hemm wkoll evidenza li, matul il-perjodu ta' bejn l-2000-2011, il-livell pendenti ta' kreditu għall-konsumatur per capita beda jikkonverġi, għalkemm b'rata baxxa. Jiġifieri, per capita l-kreditu għall-konsumatur qed jiżdied b'mod aktar mgħaġġel fl-Istati Membri li qabel kellhom livelli baxxi ta' kreditu għall-konsumatur milli fl-Istati Membri fejn il-livelli tal-kreditu għall-konsumatur huma diġà għoljin.

Il-kreditu għall-konsumatur denotat f'munita barranija jirrappreżenta riskju addizzjonali għall-konsumaturi, u huwa komuni fxi Stati Membri, ġeneralment barra miż-żona tal-euro. Pereżempju, fil-Litwanja l-proporzjon tal-kreditu għall-konsumatur denotat fil-munita barranija għall-kreditu totali għall-konsumatur qed jiżdied b'mod stabbli, minn 3% biss kmieni fl-2004 għal 45% fl-aħħar ta' Lulju 2012. L-Awstrija hija l-uniku Stat Membru fiż-żona tal-euro li tirrapporta l-kreditu kollu għall-konsumatur f'munita barranija. Madankollu, proporzjon kbir tal-kreditu f'munita barranija huwa magħmul minn self fuq l-ekwiżità ta' dar, jiġifieri self għall-konsum garantit minn ipoteke komuni f'ħafna Stati Membri tal-Lvant u tal-Ewropa Ċentrali, jew minn self residenzjali. Il-proporzjonijiet ivarjaw ukoll minħabba t-tibdil fir-rati tal-kambju.

Fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja, il-valur globali tal-kreditu għall-konsumatur f'diversi Stati Membri beda jonqos dawn l-aħħar snin. Filwaqt li dan ħabat mad-dati tal-adozzjoni u tal-implimentazzjoni tas-CCD, il-maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu l-istħarriġ tal-mutwanti²³ indikaw li ma jqisux li l-adozzjoni u t-traspożizzjoni tas-CCD taffettwa l-volum ta' kreditu li jagħtu. Madankollu, għadd ta' mutwanti indikaw li s-CCD kienet influwenzat il-kreditu l-ġdid li taw għal kreditu f'munita domestika. Fost dawk li raw impatt, xi wħud kienu pożittivi dwar dan iżda oħrajn kellhom opinjoni negattiva.

6.2. Struttura tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur u l-firxa ta' prodotti ta' kreditu disponibbli fis-swieq nazzjonali

L-istħarriġ tar-regolaturi u tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-mutwanti talab għal lista tal-akbar fornituri ta' kreditu għall-konsumatur mhux garantit bi proprjetà immobbli, maqsuma f'istituzzjonijiet ta' kreditu u mutwanti speċjalizzati. L-informazzjoni li nġabret permezz ta' dan l-istħarriġ mhijiex kompleta u għalhekk nuqqas ta' informazzjoni dwar l-attività ta' mutwanti speċjalizzati m'għandux jiġi interpretat bħala sinjal ta' attività dgħajfa ta' mutwanti speċjalizzati. L-importanza relattiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (jiġifieri banek) u mutwanti speċjalizzati fil-provvista ta' kreditu lill-konsumaturi tvarja madwar l-UE. Ir-riżultati mill-istħarriġ tal-konsumaturi²⁴ jissuġġerixxu li l-attività tal-mutwanti speċjalizzati hija l-ogħla fl-Italja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

²² Id-dejta geġja minn database tal-ECRI, li f'ħafna pajjiżi ma tkoprix il-kredituri li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (banek li jieħdu d-depożiti). Għalhekk id-daqs attwali tas-suq tal-kreditu għall-konsumaturi huwa sottovalutat.

²³ Sar minn Ipsos u London Economics fl-istudju tagħhom 'Studju dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa'.

²⁴ Sar minn Ipsos u London Economics.

Attwalment ma hemm l-ebda dejta affidabbli dwar il-konċentrazzjoni tas-suq fis-suq tal-kreditu għall-konsumatur u r-rispons mir-regolaturi u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-mutwanti ma pprovdix aktar għarfien dwar din il-kwistjoni. Abbażi tad-dejta tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)²⁵, l-Estonja, il-Finlandja u l-Pajjiżi l-Baxxi għandhom livelli ta' konċentrazzjoni tas-suq li jistgħu jitqiesu bħala għoljin. Jidher li ma sar l-ebda żvilupp komuni fil-konċentrazzjoni tas-suq matul is-snin: il-konċentrazzjoni tas-suq naqset fl-Estonja iżda żdiedet fil-Finlandja u fil-Pajjiżi l-Baxxi. Bl-istess mod fl-Istati Membri l-oħra kollha, ma jidherx li hemm xi tendenza komuni fil-konċentrazzjoni tas-suq u l-indiċi medju globali tal-UE żdied bi ffit, iżda għadu kompetittiv.

Ir-regolaturi kollha li taw il-firxa ta' prodotti ta' kreditu pprovduti fuq livell domestiku disponibbli fis-suq nazzjonali tagħhom (10 minn 20)²⁶ jgħidu li l-overdrafts huma jew komuni jew komuni ħafna fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, u jiġu pprovduti l-aktar fuq livell domestiku u fil-munita domestika. Is-sitwazzjoni hija l-istess għall-karti ta' kreditu u s-self personali. Madankollu, għandu jiġi nnotat li d-definizzjoni ta' karta ta' kreditu u ta' debitu mhijiex neċessarjament l-istess fil-pajjiżi kollha. Pereżempju, ħafna drabi fi Franza l-karti ta' debitu differiti jissejju karti ta' kreditu.

F'termini ta' għadd ta' prodotti ta' kreditu disponibbli f'kull suq domestiku, ir-regolatur Slovakk jelenka 19 (minn 20)-il prodott ta' kreditu bħala jew komuni jew komuni ħafna u r-regolatur mir-Renju Unit jelenka 16 bħala komuni jew komuni ħafna. L-iżgħar għadd ta' prodotti pprovduti jinsab fil-Ġermanja u l-Lussemburgu, fejn ir-regolatur jinnota biss seba' u tmien tipi ta' kreditu bħala komuni jew komuni ħafna rispettivament.

Self minn mutwanti speċjalizzati (b'mod ġenerali) huwa elenkat biss bħala komuni jew komuni ħafna minn assoċjazzjonijiet tal-mutwanti mir-Renju Unit. Bl-istess mod, self payday minn mutwanti speċjalizzati huwa komuni jew komuni ħafna fir-Renju Unit. Assoċjazzjoni Ungeriża tal-mutwanti tiddikjara wkoll li self payday denotat f'munita barranija, ipprovdut minn istituzzjonijiet barranin, huwa komuni fl-Ungerija.

6.3. Dipendenza fuq il-kreditu għall-konsumatur fl-UE

Id-dipendenza fuq il-kreditu għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' kuljum tal-konsumaturi tista' titkejjel permezz tal-proporzjon tal-fluss tal-kreditu għan-nefqa domestika. Dan il-proporzjon jindika liema frazzjoni tan-nefqa annwali tiġi ffinanzjata bil-kreditu. Jekk il-ħlas lura tal-kreditu għall-konsumaturi jammonta għal aktar minn dak li joħorġu bħala kreditu ġdid, dan il-proporzjon jista' wkoll ikun negattiv, li jindika li l-konsumaturi jkunu naqqsu l-istokk pendenti tad-dejn tagħhom. Id-dipendenza fuq il-kreditu għall-konsumatur tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.

Bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, qabel il-bidu tal-kriżi finanzjarja l-Istati Membri kollha kienu qed iżidu l-kreditu għall-konsumatur relattiv għan-nefqa domestika. Wara l-2007, il-konsumaturi f'ħafna Stati Membri naqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-kreditu, l-aktar fl-Irlanda (-1.4%), Spanja (-1.3%) u r-Renju Unit (-1.2%). Il-Ġermanja u s-Slovakkja huma l-uniċi żewġ Stati Membri li fihom id-dipendenza fuq il-kreditu għall-konsumatur kienet oġġla wara l-2007 milli qabel.

²⁵ Il-konċentrazzjoni tkejjlet mill-Indiċi Herfindahl Hirschman, abbażi tal-assi totali tal-banek.

²⁶ Dawn huma: ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Litwanja, il-Portugall, is-Slovakkja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

6.4. Il-provvista ta' kreditu transfruntier

Mill-korpi regolatorji li rrispondew 11 biss minn 20 ipprovdew dejta ġenerali dwar il-kreditu maħruġ fil-pajjiżi tagħhom u, l-aktar importanti, is-sehem tal-kreditu transfruntier ġie inkluż biss minn tliet rispondenti. Dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li l-kreditu transfruntier mhux ta' rilevanza fil-pajjiż tagħhom jew li l-volum ta' kreditu transfruntier maħruġ huwa negliġibbli. Sitta biss mill-50 mutwanti li wieġbu l-istħarriġ iddikjaraw li jipparteċipaw f'self transfruntier. Tlieta minn dawk li wieġbu jgħidu li s-self transfruntier tagħhom isir minn ferġat, tnejn minn sussidjarji u wieħed b'self dirett. Fost dawk li pprovdew dejta, il-persentaġġ medju ta' kreditu transfruntier mill-volum totali ta' kreditu huwa ta' 1.43%.

Skont l-istħarriġ tal-konsumaturi, is-self transfruntier hu pjuttost rari fost il-konsumaturi, iżda ferm aktar komuni milli ssuġġerew l-istudji preċedenti (madwar 5%). Fl-Istati Membri hemm firxa wiesgħa ta' self transfruntier: filwaqt li fl-Awstrija joqrob iż-żero (0.2%), fis-Slovakkja istituzzjonijiet minn Stati Membri oħra ħarġu madwar wieħed minn kull erba' (23%) mill-aktar prodotti ta' kreditu riċenti miżmuma minn mutwatarji²⁷. Dawk bi dħul ogħla huma aktar probabbli jissellfu minn mutwatarju minn Stat Membru ieħor.

Fir-rigward tal-ostakoli possibbli għall-provvista ta' kreditu u self transfruntier, ħafna mill-mutwanti ma indikawx liema tip ta' ostakli kienu fiżkluhom milli jaċċessaw suq ieħor tal-kreditu għall-konsumatur tal-UE, għalkemm xi wħud minnhom indikaw li n-nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni ta' kwalità tajba dwar il-kreditu kienet ostakolu għad-dħul, jew li l-prodott tagħhom ma kienx adegwat għal offerta transfruntiera. Reazzjonijiet oħra kienu jinkludu "likwidità", "konformità fl-instigazzjoni ta' azzjonijiet legali jekk ikun hemm bżonn", "l-ispiża ta' finanzjament differenzjali bejn pajjiżi differenti", "diffikultà biex jiġu rkuprati ammonti pendenti permezz ta' litigazzjoni", kif ukoll "ostakli kulturali u lingwistiċi".

6.5. Differenza fil-prezz ta' prodotti ta' kreditu komparabbli fil-pajjiżi u bejniethom

Skont id-dejta tal-BĊE, mill-2009 sal-2013 l-RPAI naqset fl-Istati Membri kollha minbarra f'seba' (is-Slovakkja, l-Ungerija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Bulgarija), bl-aktar tnaqqis għoli (3.2 punti perċentwali) fir-Rumanija. Sfortunatament, mhux possibbli li jiġi vvalutat jekk id-Direttiva kellhiex xi impatt fuq l-RPAI imposta peress li t-traspożizzjoni kkoincidiet mal-kriżi finanzjarja.

L-ispiża tal-kreditu għall-konsumatur tvarja sostanzjalment bejn il-pajjiżi. Pereżempju, l-RPAI tvarja minn 6% jew anqas f'għadd ta' pajjiżi taż-żona tal-euro sa 35% f'għadd ta' Stati Membri mill-Ewropa Ċentrali. Madankollu, il-kriżi finanzjarja wasslet għal tnaqqis drastiku fir-rati tal-imgħax tal-banek ċentrali madwar l-UE. Jidher li matul il-perjodu 2003-2012 fil-pajjiżi tal-UE kien hemm konverġenza rapida tar-rati tal-imgħax tal-konsumaturi (netti tar-rati tal-banek ċentrali).

L-analiżi tad-differenzi fl-RPAI fl-offerti komparabbli ta' kreditu fil-pajjiżi u bejniethom hija bbażata fuq ir-reklami fuq karta li nġabru minn xerrejja anonimi u r-riklami fuq l-internet li nġabru minn London Economics. B'mod ġenerali, 80% tar-riklami kollha li nġabru wrew l-RPAI.

L-aktar offerti għaljin instabu għal self personali reklamat minn mutwanti speċjalizzati b'medja tal-RPAI ta' 80%. Din mhijiex sorpriża peress li ħafna drabi mutwanti speċjalizzati

²⁷

Madankollu huwa possibbli li xi rispondenti fehmu ħażin il-kunċett ta' kreditu transfruntier, u kklassifikaw dan bħala s-self provvudut mill-banek reġistrati f'pajjiżhom, iżda b'isem barrani, jew kreditu estiż f'munita barranija.

joffru self fuq perjodu qasir ħafna li jġorr rata għolja ta' imgħax. Instab li l-offerti li fir-reklami tagħhom l-informazzjoni tkun kompletament svelata huma irħas.

L-RPAI tinkorpora l-ispejjeż kollha marbuta mal-kreditu, inkluż ir-rata ta' self, iżda tinkludi wkoll it-tariffi u l-imposti l-oħra kollha. Id-differenza bejn l-RPAI u r-rata ta' self hija għalhekk kejl tal-ammont ta' imposti addizzjonali li l-konsumatur għandu jħallas. L-Irlanda u r-Renju Unit jispikkaw li għandhom l-akbar differenza bejn l-RPAI u r-rata tas-self, filwaqt li fl-Islanda u l-Lussemburgu r-reklami kollha analizzati jinkludu rati ta' self li huma l-istess bħall-RPAIs iddikjarati. Madwar l-UE, f'termini ġenerali s-self personali juri l-akbar differenza (kważi 7 punti perċentwali) bejn l-RPAI u r-rata ta' self, filwaqt li self tal-karozzi u pagamenti differiti jirrappreżentaw l-iżgħar differenza ta' 2.5 u 3.8 punti perċentwali rispettivament.

7. L-IMPATT TAD-DIRETTIVA FUQ IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR²⁸

Qabel ma wieħed iqis kif il-mutwanti jilhqgħu l-obbligi imposti mid-Direttiva, hu importanti li jinnota li, skont ir-regolaturi mistħarrġa, il-mutwanti kollha jew għall-anqas il-maġġoranza tagħhom huma konxji mill-obbligi ġenerali tagħhom. Nofs ir-regolaturi indikaw ukoll li ma kienu hađu l-ebda azzjoni ta' infurzar fir-rigward ta' mutwanti li ma laħqux l-obbligi tagħhom. 20% biss tar-regolaturi mistħarrġa kellhom jagħmlu dan fl-2010 u l-2011. Madankollu jrid jiġi nnotat li 70% biss tar-regolaturi vverifikaw jekk fil-verità l-mutwanti humiex qed jilhqgħu l-obbligi tagħhom mal-klijenti tagħhom.

7.1. Sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' informazzjoni fi stadju ta' reklamar

Skont l-Artikolu 4, reklami għal prodotti ta' kreditu għall-konsumatur għandhom jiżvelaw l-informazzjoni kollha rilevanti fl-għamla ta' eżempju rappreżentattiv. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal reklami li jħallu barra l-informazzjoni kollha dwar l-ispejjeż u, f'xi Stati Membri, għal reklami li juru l-RPAI biss. Għal din ir-raġuni, fl-analiżi li ġejja nikkunsidraw biss dawk ir-reklami li jirrapportaw xi spejjeż ta' self minbarra l-RPAI; peress li hemm rekwiżiti differenti ta' informazzjoni għal tipi differenti ta' kreditu għall-konsumatur, il-livell ta' konformità għandu jiġi analizzat b'mod separat għal kull tip ta' kreditu. Fil-kampjun analizzat, 22% biss tar-reklami li kienu qed juru xi tip ta' informazzjoni finanzjarja laħqu r-rekwiżiti ta' informazzjoni kollha. Filwaqt li f'xi pajjiżi r-reklami kollha għal ċerti prodotti laħqu r-rekwiżiti ta' informazzjoni, dan ma kienx il-każ f'pajjiżi oħra. Fi tqabbil ta' tipi differenti ta' reklami, dawk għall-karti ta' kreditu kienu bil-bosta l-aġħar f'termini ta' kompletezza tal-informazzjoni u r-reklami għal self tal-karozzi spikkaw bħala l-aħjar.

L-Artikolu 4 jitlob ukoll li l-informazzjoni standard tiġi żvelata b'mod ċar, konċiż u prominenti. L-analiżi tar-reklami wriet varjabbiltà kbira f'termini ta' ċarezza madwar l-Istati Membri u fil-prodotti tal-kreditu għall-konsumatur. Fi tqabbil tal-prestazzjoni tar-reklami, il-Pajjiżi l-Baxxi kklassifikaw mal-aqwa ħames pajjiżi skont kull wieħed mill-kriterji għal informazzjoni standard. Fil-każ tal-erba' tipi ta' kreditu għall-konsumatur, il-punteġġ medju kien 5.5 minn 8. Għal self tal-karozzi l-akbar firxa hija bir-reklami Estonjani għax tqiesu l-anqas ċari u allura kisbu medja ta' punt wieħed biss minn tmien punti. Punteġġ baxx daqsu kisbuh biss il-pagamenti differiti fil-Bulgarija. Għal darb'oħra, ir-reklami tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom prestazzjoni konsistenti tajba u jiksbu l-oġġla punteġġ kemm għall-karti ta' kreditu

²⁸

Din is-sezzjoni ġiet abbozzata abbażi tal-"Istudju dwar il-funzjonament tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur fl-Ewropa", li sar minn IPSOS u London Economics.

kif ukoll għas-self personali. Madankollu, l-ebda Stat Membru ma kiseb il-punteġġ massimu ta' tmienja minn tmienja.

B'mod ġenerali, irrispettivament mit-tip ta' mutwanti, it-tip ta' kreditu jew il-mezz biex jintlaħqu l-konsumaturi, ħafna reklami ma jikkonformawx ma' ħafna mir-rekwiżiti tad-Direttiva u dan jikkumplikja bla bżonn it-tqabbil tal-offerti għall-konsumaturi. Din is-sitwazzjoni tindika hteieġa biex jitjieb l-infurzar fuq din il-kwistjoni.

7.2. Sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-RPAI u l-eżempju rappreżentattiv

B'mod ġenerali, 73% biss tar-reklami kollha li juru l-ispejjeż tas-self inkludew eżempju rappreżentattiv. Ir-reklami tal-karti ta' kreditu huma partikolarment fqar f'dan ir-rigward. Ħafna minnhom jiddikjaraw it-tariffa annwali tal-kard, iżda ma jipprovdux eżempju rappreżentattiv. Minħabba li t-tariffi annwali huma komponent tal-ispejjeż tas-self għall-konsumaturi li jużaw karta ta' kreditu, dawn ir-reklami suppost kellhom jinkludu eżempju rappreżentattiv.

Madankollu, diversi Stati Membri għandhom rekord eċċellenti b'100% tar-reklami f'kategorija partikolari jinkludu eżempju rappreżentattiv. Għall-fini tal-valutazzjoni ta' dawk ir-reklami li kienu jinkludu eżempju rappreżentattiv kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa, intuża s-simulatur disponibbli fuq il-websajt²⁹ tal-Kummissjoni biex ir-riżultati jitqabblu mal-RPAI ddikjarata fl-eżempju rappreżentattiv. Għal ftit anqas minn nofs ir-reklami kollha li pprovdux biżżejjed informazzjoni għall-kalkolu tal-RPAI, l-RPAI li nkisbet permezz tas-simulatur ma qablitx mal-RPAI rrapportata fir-reklam. Id-differenza medja bejn l-RPAIs iddikjarati u dawk simulati kienet ta' 0.35 punti perċentwali. Fl-Awstrija, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi, l-RPAIs kollha analizzati qablu ma' dawk ikkalkolati skont is-simulatur u fl-eżempju rappreżentattiv kien hemm l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-RPAI tiġi riprodotta.

7.3. Sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-istadju pre-kuntrattwali

L-informazzjoni hija sħiħa u korretta?

L-Artikolu 5 jiddeskrivi t-tip ta' informazzjoni pre-kuntrattwali li l-kreditur għandu jagħti lill-konsumatur fi żmien tajjeb qabel ma l-konsumatur jintrabat bi ftehim jew offerta ta' kreditu. Din l-informazzjoni hija maħsuba biex tgħin lill-konsumatur jagħmel deċiżjoni informata sew billi jkun kapaċi faċilment iqabbel diversi offerti ta' kreditu. Skont l-Artikolu 5, ir-rekwiżiti kollha ta' informazzjoni pre-kuntrattwali jkunu ntaħqu jekk il-konsumatur jikseb il-formola SECCI.

L-aċċess għall-offerti kien l-akbar diffikultà waqt l-eżerċizzju ta' xiri anonimu. F'għadd ta' pajjiżi x-xerrejja anonimi ntalbu li jsirulhom kontrolli ta' kreditu qabel ma setgħu attwalment jirċievu informazzjoni dettaljata dwar il-kreditu li kienu qed jitolbu. Dan għamel l-għażla ta' xerrejja anonimi aktar ta' sfida, b'mod partikolari fil-Ġermanja, il-Latvja, il-Pajjiżi Baxxi, l-Isvezja, ir-Renju Unit u d-Danimarka. Barra minn hekk, f'għadd ta' każijiet ix-xerrejja ma ngħataw l-ebda offerta għaliex dawn kienu disponibbli biss għall-klijenti attwali ta' mutwanti partikolari.

Il-maġġoranza tax-xerrejja anonimi ma ġewx infurmati mill-kredituri bid-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi, b'mod partikolari rigward id-dritt ta' rtirar fl-ewwel 14-il jum (bħala medja

²⁹

http://ec.europa.eu/consumers/index_en.htm

ġew infurmati madwar 11% bid-drittijiet ta' għom) u d-dritt li jiġu infurmati immedjatament jekk l-applikazzjoni ta' kreditu tkun għet irrifjutata bħala riżultat ta' konsultazzjoni ta' database (anqas minn 30% ġew infurmati bid-drittijiet ta' għom). Fi 80% tal-każijiet ix-xerrejja ma rċevew l-ebda spjegazzjoni dwar kif għet ikkalkolata l-RPAI. B'mod ġenerali, ir-riżultati tal-eżerċizzju tax-xiri anonimu juru li ħafna drabi r-reqwiziti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali tas-CCD ma jintlaħqux, għalkemm, mil-lat aktar pożittiv, 15% biss tax-xerrejja anonimi ma ġewx infurmati bil-livell tar-rata tal-imgħax u 16% biss ma ġewx infurmati jekk ir-rata tal-imgħax kinitx fissa jew varjabbli. Fl-aħħar nett, anki wara li staqsew, madwar nofs ix-xerrejja biss irċevew il-formola SECCI.

Il-Ġermanja u s-Slovenja kklassifikaw l-ewwel f'termini ta' għoti ta' informazzjoni pre-kuntrattwali adegwata għal self tal-karozzi, il-Polonja u l-Portugall għall-karti ta' kreditu u, għal darb'oħra, is-Slovenja u l-Portugall għal self personali. Il-pajjiżi li kklassifikaw fl-aħħar pożizzjonijiet huma l-Estonja u l-Lussemburgu għal self tal-karozzi. Fil-każ ta' karti ta' kreditu, il-Lussemburgu kklassifika fl-aħħar post, segwit mid-Danimarka. Għal self personali, għal darb'oħra d-Danimarka huwa l-pajjiż bl-aħħar prestazzjoni. B'mod ġenerali, l-Estonja, l-Isvezja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u d-Danimarka jinsabu fil-qiegħ tal-klassifika. Hemm ukoll differenzi ċari bejn il-prodotti differenti ta' kreditu, bil-karti ta' kreditu jirċievu l-aħħar punteġġi.

Spjegazzjoni: il-fornituri tal-kreditu huma lesti jispjegaw il-kundizzjonijiet tal-kreditu lill-mutwatarji?

L-għoti ta' informazzjoni mhuwiex biżżejjed jekk din ma tiġix ippreżentata f'forma ċara u li tintfieh u jekk il-kreditur ma jkunx lest u ma jkunx jista' jispjega t-termini b'mod ċar. Skont l-Artikolu 5(6), il-kredituri u fejn applikabbli l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur. Fl-eżerċizzju tax-xiri anonimu, l-individwi ġew mistoqsija jekk il-kredituri ta' għom żgurawx li kellhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jieħdu deċiżjoni dwar is-self jew il-karta ta' kreditu. Il-maġġoranza tal-fornituri tal-kreditu għaddew mit-test għat-tipi kollha ta' kreditu (53-61%). Madankollu, għal aktar minn nofs il-pajjiżi li tqiesu dan mhuwiex il-każ. Malta għandha prestazzjoni partikolarment ħażina, b'24% biss tax-xerrejja anonimi jindikaw li ħassew li kellhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jieħdu deċiżjoni. Ċipru, l-Italja u l-Ġermanja huma l-Istati Membri bl-aqwa prestazzjoni (79%, 77% u 71% rispettivament).

Mill-eżerċizzju tax-xiri anonimu m'hemm l-ebda evidenza ċara li l-fornituri tal-kreditu jadattaw is-spiegazzjonijiet ta' għom għall-ħtiġijiet jew il-livell ta' edukazzjoni tal-mutwatarju. Madankollu, proporzjon kbir ta' kredituri (għat-tipi kollha ta' kreditu) jitolbu informazzjoni dwar l-impjeg u d-dħul tal-mutwatarju prospettiv u jekk huwiex is-sid ta' dar.

Madwar 60% ta' min wieġeb l-istħarriġ tal-konsumaturi fittxu informazzjoni minn mutwanti wieħed biss, ġeneralment il-bank ta' għom stess. Madwar 9 minn kull 10 konsumaturi kienu tal-fehma li l-kredituri kkuntattjati kienu onesti u ġusti, u li l-informazzjoni pprovduta lilhom mill-mutwanti kienet komprensiva u ċara. Din il-fehma, li tikkontrasta mas-sejba tax-xerrejja anonimi li ma ġewx ipprovduti bl-informazzjoni kollha, tidher li turi li mutwatarju ordinarju mhuwiex kompletament konxju mill-informazzjoni li huwa jew hija għandu/ħa jirċievi/tirċievi.

L-istħarriġ juri li ċerti karatteristiċi demografiċi jagħmluha ferm aktar probabbli li l-konsumaturi jiġu pprovduti bl-ispiegazzjonijiet li jitolbu. In-nisa huma ħafna aktar probabbli li jirċievu spjegazzjonijiet, bħalma huma l-anzjani u dawk bi dħul ogħla.

7.4. Valutazzjoni oġġettiva tal-fehim tal-konsumaturi tal-informazzjoni żvelata³⁰

L-istudju tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur investiga wkoll l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi. Sabiex jiġi vvalutat l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi, hemm il-ħtieġa ta' kejl affidabbli u oġġettiv. B'differenza għal forom oħra ta' għarfien, attwalment m'hemm l-ebda test standardizzat u ġeneralment aċċettat għall-valutazzjoni tal-livell ta' għarfien finanzjarju.

Biex jiġi vvalutat il-livell ta' għarfien finanzjarju tagħhom, min wieġeb l-istħarriġ tal-konsumaturi ntab jivvaluta liema miż-żewġ offerti ta' kreditu kienet l-orħos skont l-informazzjoni tar-rata tal-imgħax u l-RPAI sabiex jinstab jekk ikunx konxju mid-definizzjoni tal-RPAI u r-relazzjoni tagħha mar-rata tal-imgħax. Anqas minn 40% ta' dawk li wiegħbu taw ir-risposta korretta, li b'mod oġġettiv jissuġġerixxi li ħafna konsumaturi ma jifhmux l-informazzjoni żvelata lillhom dwar l-RPAI (u r-relazzjoni tagħha mar-rata tal-imgħax). Dan ir-riżultat juri li essenzjalment 60% tal-konsumaturi ma jifhmux x'inhi RPAI u kif jużawha, u jissuġġerixxi li l-livell ta' għarfien finanzjarju tagħhom huwa pjuttost baxx.

L-eżistenza tad-drittijiet li jippermettu lill-konsumaturi li jagħmlu ħlas kmieni u li jirtiraw minn kuntratt fl-ewwel 14-il jum mill-iffirmar tal-ftehim hija importanti, iżda l-konsumaturi għandhom ukoll ikunu konxji ta' dawn id-drittijiet sabiex ikollhom l-effett mixtieq. Jekk il-konsumaturi ma jkunx konxji ta' dawn id-drittijiet, jistgħu jassumu li jkun marbuta f'kuntratt mill-mument li jiffirmaw il-ftehim sad-data finali ddikjarata, meta dan ma jkunx il-każ. Dan jista' jdgħajef ferm is-setgħa tal-konsumatur, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni tas-suq. L-għarfien tad-drittijiet ta' ħlas lura kmieni u ta' rtirar ivarja skont il-karatteristiċi soċjo-demografiċi. Kif kien mistenni, ir-rispondenti l-aktar finanzjarjament litterati kellhom ukoll aktar probabbiltà li jkun jafu dwar iż-żewġ drittijiet. Ir-rispondenti f'impjeg full-time kellhom ukoll aktar probabbiltà li jkun jafu dwar id-dritt tagħhom ta' ħlas lura kmieni, għalkemm mhux dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar.

L-għarfien tal-konsumaturi dwar id-dettalji finanzjarji tal-kuntratti ta' kreditu tagħhom mhuwix uniformi. 64% tal-mutwatarji mistħarrġa kienu jafu jekk l-RPAI ssemmietx fil-kuntratt tagħhom, filwaqt li 84% kienu konxji mit-tip ta' rata tal-imgħax (jiġifieri fissa jew varjabbli) u 74% kienu jafu jekk ħlas lura kmieni jistax ikollu penali. F'termini ta' għarfien tad-drittijiet ta' ħlas lura kmieni u ta' rtirar fi żmien l-ewwel 14-il jum mill-iffirmar ta' kuntratt, 73% u 71% rispettivament tal-parteċipanti fl-istħarriġ tal-konsumaturi kienu konxji li l-kredituri għandhom jipprovdu informazzjoni pre-kuntrattwali dwar dawn id-drittijiet, għalkemm il-livell ta' għarfien ivarja konsiderevolment madwar l-Istati Membri.

7.5. Id-dritt ta' rtirar u d-dritt għal ħlas lura kmieni

Kemm-il darba l-konsumaturi jirtiraw minn kuntratti ta' kreditu fi żmien l-iskadenza legali?

L-Artikolu 14 jistipula li l-konsumaturi għandhom jingħataw perjodu ta' 14-il jum kalendarju li fih jistgħu jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu mingħajr ma jagħtu l-ebda raġuni. Partikolarment fid-dawl ta' tattiki aggressivi ta' kummerċjalizzazzjoni u bejgħ, dan il-perjodu ta' riflessjoni joffri protezzjoni importanti lill-konsumaturi. Barra minn hekk, dan jgħin biex ittejjeb il-kompetizzjoni fis-suq peress li l-konsumaturi xorta jistgħu jagħżlu offerta aktar kompetittiva matul l-ewwel 14-il jum mill-iffirmar ta' kuntratt ta' kreditu.

³⁰

Abbażi ta' stħarriġ li sar fil-qafas tal-istudju tas-suq tal-kreditu għall-konsumaturi.

Skont l-istħarriġ tal-konsumaturi, għadd żgħir biss ta' mutwatarji – xi 1% – jippruvaw jirtiraw fi żmien il-perjodu ta' 14-il jum wara li jiffirmaw. Minn dawk, 42.2% ma jirnexxilhomx. Hu importanti li nqisu li wħud minn dawk li wiegħbu jaf ikunu ffirmaw il-kuntratti tagħhom qabel l-introduzzjoni tad-Direttiva.

Kemm-il darba l-konsumaturi jħallsu lura kmieni u x'inhu l-impatt tal-applikazzjoni ta' kumpens fuq ir-rieda li jħallsu lura kmieni?

L-Artikolu 16 jiddikjara li l-konsumatur għandu dritt "li jifdi interament jew parzjalment l-obbligi tiegħu skont ftehim ta' kreditu". Il-benefiċċju ta' dan id-dritt għal darb'oħra huwa doppju: l-ewwel nett dan joffri setgħa u protezzjoni akbar lill-konsumatur, jippermetti liberta akbar lill-konsumaturi fil-ġestjoni tal-finanzi tagħhom; u t-tieni nett hu komponent importanti ta' suq tal-kreditu kompetittiv, li jippermetti lill-konsumaturi li jaqilbu kuntratti jekk offerta ta' kreditu aħjar issir disponibbli xi mkien ieħor.

L-evidenza dwar il-frekwenza li biha l-konsumaturi jħallsu lura l-ftehimiet ta' kreditu tagħhom kmieni hija mħallta. Filwaqt li kemm l-assoċjazzjonijiet tal-mutwanti u tal-konsumaturi jirrapportaw li dan huwa pjuttost infrekwenti, l-istħarriġ tal-konsumaturi wera li kważi kwart ta' dawk li wiegħbu pruvaw iħallsu lura kmieni, u 86% minnhom irnexxihom. Madankollu, dawn in-numri aggregati jaħbu differenzi kbar bejn l-Istati Membri u t-tipi ta' kreditu għall-konsumatur. Mill-istħarriġ tal-konsumaturi hemm ukoll evidenza qawwija li jekk dawk li wiegħbu huma aktar finanzjarjament litterati u iżgħar fl-età, għandhom aktar probabbiltà li jħallsu lura kmieni.

7.6. Sodisfazzjon, problemi u lmenti

Skont l-istħarriġ tal-konsumaturi, fl-aħħar ħames snin 9% tal-konsumaturi kollha ffaċċjaw problemi bi ftehim ta' kreditu jew ma' kreditur. Madankollu, ir-riżultati jissuġġerixxu li hemm ammont kbir ta' varjazzjoni bejn il-pajjiżi. F'termini ta' karatteristiċi soċjo-demografiċi, ir-rispondenti akbar fl-età nstabu li kellhom ferm anqas probabbiltà li jiffaċċjaw xi problemi fir-rigward tal-ftehimiet ta' kreditu tagħhom. B'mod ġenerali, jidher li l-maġġoranza tal-ilmenti huma dwar l-imposti, id-dritt ta' rtirar u d-dritt ta' ħlas lura kmieni.

Madankollu, terz biss tal-konsumaturi li ffaċċjaw il-problemi qalu li lmentaw. Hemm diversi proċeduri għar-risoluzzjoni tal-problemi tal-konsumaturi, jew permezz ta' partijiet terzi, bħal korpi għall-ħarsien tal-konsumatur u l-ombudsmen, jew direttament permezz tal-kreditur. Bħala medja, 41% tal-problemi li tqajmu mal-kredituri ġew solvuti filwaqt li 28% tal-problemi li tqajmu ma' partijiet terzi ġew riżolti. Minn kull 20 konsumatur li l-problema tiegħu kienet biss parzjalment riżolta, 8 biss ħadu azzjoni ulterjuri.

B'mod ġenerali, hemm xi evidenza li s-sodisfazzjon tal-konsumatur bl-informazzjoni pprovduta u bid-drittijiet ta' ħlas lura kmieni u ta' rtirar żdied. B'mod partikolari, il-mutwanti, il-korpi għall-ħarsien tal-konsumatur u l-ombudsman qed josservaw titjib fis-sodisfazzjon. L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jgħidu li ma nnotaw l-ebda titjib fis-sodisfazzjon tal-konsumatur bl-eċċezzjoni ta' assoċjazzjoni waħda li nnotat titjib fir-rigward tad-dritt ta' rtirar. Il-mutwanti u l-assoċjazzjonijiet tal-mutwanti jaqblu li s-sodisfazzjon żdied. Mill-istħarriġ ħareġ li s-sodisfazzjon tal-konsumatur bis-servizz riċevut fir-rigward tas-self attwali tagħhom kien pjuttost għoli (73% sodisfatti għalkollox) u bil-kamp ta' applikazzjoni għal kuntatt dirett mal-fornitur tas-self (66%), iżda livell ħafna aktar baxx ta' sodisfazzjon bit-tariffi (36%) u bl-għażla ta' offerti (48%). Ir-risoluzzjoni pożittiva tal-lmenti għandha impatt sinifikanti fuq is-sodisfazzjon tal-konsumaturi bis-servizz tal-kredituri.

8. KONKLUŻJONIJIET

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li xi Stati Membri implimentaw is-CCD wara l-iskadenza stipulata, u xi wħud minnhom implimentawha fl-aħħar tal-2011. Għalhekk, il-kredituri u l-konsumaturi ma tantx kellhom żmien biex jadattaw l-imġiba tagħhom u biex igawdu b'mod sħiħ l-benefiċċji tas-CCD. Dan jispjega għaliex kien diffiċli li jiġi identifikat l-impatt tal-għażliet regolatorji eżerċitati mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tas-CCD ħabtet mal-kriżi finanzjarja, li kellha impatt fuq is-suq tal-kreditu għall-konsumatur. Il-kredituri huma aktar kawti fejn jidħlu is-self u l-mutwatarji jippreferu jħallsu lura s-self eżistenti tagħhom minflok jidħlu f'kuntratti ġodda. Ir-reazzjoni ġustifikata għal dawk iċ-ċirkustanzi esterni illimitat l-impatt potenzjali li s-CCD seta' jkollha fuq is-self transfruntier u għalhekk fuq l-integrazzjoni ulterjuri tas-Suq Uniku għall-kreditu.

L-eżerċizzju tax-xiri anonimu wera li bosta dispożizzjonijiet tas-CCD mhumiex qed jiġu rispettati mill-kredituri. Dan japplika għal reklami u informazzjoni pre-kuntrattwali, u t-twettiq tal-obbligu li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom (b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt ta' rtirar mill-kuntratt matul l-ewwel 14-il jum u ħlas lura kmieni). L-eżerċizzju tax-xiri anonimu jikkonferma r-riżultati tal-kontroll (sweep) li sar f'Settembru 2011.³¹ L-istħarriġ tal-konsumaturi wera li l-konsumaturi jiltaqgħu ma' problemi meta jeżerċitaw dawk id-drittijiet. L-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi għadu mhux biżżejjed. Barra minn hekk, l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom u tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-kuntratti huwa limitat. F'dak ir-rigward, huwa importanti li jiġi żgurati li l-fornituri ta' kreditu jfasslu l-ispjegazzjonijiet tagħhom għall-ħtiġijiet jew għal-livell ta' edukazzjoni tal-mutwatarji.

F'dan l-istadju, jidher li m'hemm l-ebda ħtieġa li la jiġi modifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-għażliet regolatorji jew il-limiti u l-persentaġġi applikati skont is-CCD. Ir-riċerka wriet xi nuqqas ta' ftehim possibbli fir-rigward tal-grad tal-għażla li l-Istati Membri jista' jkollhom fl-applikazzjoni tas-CCD. Il-Kummissjoni sejra taħdem mal-Istati Membri biex tiċċara dan.

Madankollu, sabiex ikunu effettivi, il-garanziji stabbiliti fis-CCD jeħtieġu infurzar xieraq. Fid-dawl tal-Artikolu 22, li jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw is-CCD ma jistgħux jiġu evitati, għandha wkoll tingħata attenzjoni għall-prattiki u l-kostruzzjonijiet legali li l-għan tagħhom huwa li jiksru r-regoli nazzjonali li jimplementaw is-CCD u liġi tal-konsumatur iġenerali.

Bħala konklużjoni, hemm il-ħtieġa li l-infurzar tas-CCD jkompli jiġi ssorveljat fl-Istati Membri, li jibda b'valutazzjoni tal-prattiki superviżorji mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni biħsiebha twettaq din il-valutazzjoni fl-2014. Barra minn hekk, billi tibni fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kampanja ta' informazzjoni dwar is-CCD li saret f'xi Stati Membri u evidenza oħra fosthom dwar l-imġiba tal-konsumaturi, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra aktar attivitajiet fil-qasam tal-għarfien finanzjarju.

³¹

Għal aktar dettalji dwar ir-riżultati tista' tara: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-6_mt.htm